

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Att dwar is-Swieq Diġitali

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-EDPS www.edps.europa.eu)

(2021/C 147/04)

Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali). Il-Proposta ssegwi l-Komunikazzjoni *Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa*, li indikat li jistgħu jkunu meħtieġa regoli addizzjonali biex jiġu żgurati l-kontestabbiltà, il-ġustizzja u l-innovazzjoni u l-possibbiltà tad-dħul fis-suq, kif ukoll l-eżistenza ta' interessi pubbliċi li jmorru lil hinn mill-kompetizzjoni jew mill-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi. Il-Proposta tistabbilixxi regoli *ex ante* biex tiżgura li s-swieq ikkaratterizzati minn pjattaformi kbar li għandhom effetti sinifikanti tan-network ("gwardjani"), jibqgħu ġusti u kontestabbli.

B'dan il-mod, il-Proposta tistipula dispożizzjonijiet dwar id-deżinjazzjoni tal-gwardjani li tikkunsidra l-vantaġġ xprunat mid-*data* relatat fost oħrajn mal-aċċess tal-fornitur għad-*data* personali u l-ġbir tagħha; obbligi u projbizzjonijiet li l-gwardjani huma soġġetti għalihom; ir-regoli għat-twettiq tal-investigazzjonijiet tas-suq; id-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Proposta.

F'din l-Opinjoni, l-EDPS jilqa' l-proposta, għaliex tfittex li tippromwovi swieq ġusti u miftuħa u l-ipproċessar ġust tad-*data* personali. Diġà fl-2014, l-EPDS indika kif il-kompetizzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* huma tlett oqsma ta' politika marbuta b'mod inseparabbli fil-kuntest tal-ekonomija tal-pjattaformi online. L-EPDS ikkunsidra li r-relazzjoni bejn dawn it-tlett oqsma għandha tkun relazzjoni ta' kumplimentarjetà, mhux relazzjoni fejn qasam wieħed jissostitwixxi jew jidħol f'kunflitt ma' qasam ieħor.

L-EPDS jenfasizza f'din l-Opinjoni dawk id-dispożizzjonijiet tal-Proposta li jipproduċu l-effett tal-kontestabbiltà ta' tisħiħ reċiproku tas-suq u fl-aħħar mill-aħħar il-kontroll mill-persuna kkonċernata tad-*data* personali tagħha wkoll. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-Artikolu 5(f), li jipprojbixxi l-abbonament obligatorju mill-utenti finali għal servizzi ewlenin tal-pjattaforma offruti mill-gwardjan; l-Artikolu 6(1)(b), li jippermettu lill-utent finali li jħassar applikazzjonijiet tas-software installati minn qabel fuq is-servizz ewleni tal-pjattaforma; l-Artikolu 6(1)(e), li jipprojbixxi lill-gwardjan milli jillimitaw il-kapaċità tal-utenti finali li jaqilbu bejn applikazzjonijiet tas-software u servizzi differenti; u l-Artikolu 13, li jistabbilixxi l-obbligu li gwardjan jippreżenta deskrizzjoni awditjata b'mod indipendenti lill-Kummissjoni ta' kull teknika għat-tfassil tal-profilu dwar il-konsumaturi li l-gwardjan japplika għas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tiegħu, jew fihom.

Fl-istess ħin, l-EDPS jipprevedi rakkomandazzjonijiet speċifiċi li jgħinu biex jiġi żgurat li l-Proposta tikkumplimenta l-GDPR b'mod effettiv, billi iżżid il-protezzjoni għad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-persuni, u tevita l-kunflitti mar-regoli għall-protezzjoni tad-*data* attwali. F'dan ir-rigward, l-EDPS jirrakkomanda b'mod partikolari li jiġi speċifikat fl-Artikolu 5(a) tal-Proposta li l-gwardjani għandhom jipprovdu lill-utenti finali aċċessibbiltà faċli u fil-pront għall-ġestjoni tal-kunsens; li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tat-trasferibbiltà tad-*data* prevista fl-Artikolu 6(1)(h) tal-Proposta; u li jiġi rriformulat l-Artikolu 6(1)(i) tal-Proposta biex tiġi żgurata l-konsistenza sħiħa mal-GDPR; u titqajjem l-attenzjoni dwar il-ħtieġa għal anonimizazzjoni effettiva u testijiet ta' riidentifikazzjoni meta tiġi kondiviża *data* dwar il-klassifikazzjoni, il-klikks u l-viżjonijiet fir-rigward ta' tiftix mingħajr ħlas u bi ħlas iġġenerati mill-utenti finali fuq il-magni tat-tiftix online tal-gwardjan.

Barra minn hekk, l-EDPS jistieden lill-koleġiżlaturi jqisu l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' interoperabbiltà minimi għall-gwardjani u l-promozzjoni tal-iżvilupp ta' standards tekniċi fil-livell Ewropew, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea.

Fl-aħħar nett, billi jibni fost oħrajn fuq l-esperjenza tad-Digital Clearinghouse, l-EDPS jirrakkomanda li jiġi speċifikat taħt l-Artikolu 32(1) li l-Kumitat Konsultattiv għas-Swieq Diġitali għandu jinkludi rappreżentanti tal-EDPB, u jitlob, b'mod aktar wiesa', kooperazzjoni istituzzjonalizzata u strutturata bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza kompetenti rilevanti, inklużi l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*. Din il-kooperazzjoni għandha tiżgura b'mod partikolari li l-informazzjoni rilevanti kollha tista' tiġi skambjata mal-awtoritajiet rilevanti sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rwol kumplimentari tagħhom, filwaqt li jaġixxu skont il-mandati istituzzjonali rispettivi tagħhom.

1. INTRODUZZJONI U SFOND

1. Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (minn hawn 'il quddiem, "il-Proposta")⁽ⁱ⁾.
2. Il-Proposta ssegwi l-Komunikazzjoni *Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa*, li indikat li jistgħu jkunu meħtieġa regoli addizzjonali biex jiġu żgurati l-kontestabbiltà, il-ġustizzja u l-innovazzjoni u l-possibbiltà tad-dħul fis-suq, kif ukoll l-eżistenza ta' interessi pubbliċi li jmorru lil hinn mill-kompetizzjoni jew mill-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi. Il-Komunikazzjoni ħabbret ukoll li l-Kummissjoni se tesplora r-regoli ex ante sabiex tiżgura li s-swieq ikkaratterizzati minn pjattaformi kbar li għandhom effetti sinifikanti tan-network u li jaġixxu bħala gwardjani, jibqgħu ġusti u kontestabbli għall-innovaturi, għan-negozji u għall-parteciċipanti ġodda fis-suq.⁽ⁱⁱ⁾
3. Skont il-Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-Proposta, għadd żgħir ta' pjattaformi kbar qed jaġixxu dejjem aktar bħala *gateways* jew *gatekeepers* jew "gwardjani" bejn l-utenti kummerċjali u l-utenti finali. Tali gwardjani jingħad li huma stabbiliti fis-swieq diġitali, u dan iwassal għal dipendenzi sinifikanti ta' ħafna utenti kummerċjali u effetti negattivi fuq il-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma kkonċernati. Xi drabi, id-dipendenzi jwasslu għal imġiba inġusta fil-konfront ta' dawn l-utenti kummerċjali⁽ⁱⁱⁱ⁾.
4. L-objettiv tal-Proposta huwa li jindirizza fil-livell tal-UE l-aktar inċidenzi importanti ta' Prattiki Inġusti u kontestabbiltà dgħajfa fir-rigward tal-hekk imsejħa "servizzi ewlenin tal-pjattaforma".^(iv) Għal dan il-għan, il-Proposta:
 - tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom il-fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandhom jiġu ddeżinjati bħala "gwardjani" (il-Kapitolu II);
 - tistabbilixxi l-prattiki tal-gwardjani li jillimitaw il-kontestabbiltà u li huma inġusti, u tistabbilixxi obbligi li l-gwardjani ddeżinjati għandhom jikkonformaw magħhom, li wħud minnhom huma suxxettibbli għal aktar speċifikazzjoni (il-Kapitolu III);
 - tipprovdi regoli għat-tweġiq ta' investigazzjonijiet tas-suq (il-Kapitolu IV); u
 - fiha d-d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament (il-Kapitolu V).
5. L-EDPS kien ikkonsultat b'mod informali dwar l-abbozz ta' Proposta għal Att dwar is-Servizzi Diġitali fit-8 ta' Diċembru 2020. L-EDPS jilqa' l-fatt li ġie kkonsultat f'dan l-istadju bikri tal-proċedura.
6. Flimkien mal-Proposta, il-Kummissjoni adottat ukoll Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE. F'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament 2018/1725, l-EPDS ġie kkonsultat ukoll dwar il-Proposta għal Att dwar is-Servizzi Diġitali, li hija s-suġġett ta' Opinjoni separata.

2. KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl ta' dan imsemmi hawn fuq, l-EDPS jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- li jiġi speċifikat li l-Proposta tikkomplimenta kemm ir-Regolament 2016/679 kif ukoll id-Direttiva 2002/58/KE, u li l-Proposta ma tiddettaljax jew tissostitwixxi kwalunkwe obbligu tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma taħt ir-Regolament 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE;
- li jiġi speċifikat fl-Artikolu 5(a) tal-Proposta li l-gwardjan għandu jipprovdi lill-utenti finali soluzzjoni faċli għall-utent (ta' aċċessibilità faċli u fil-pront) għall-ġestjoni tal-kunsens bi qbil mar-Regolament 2016/679, u, b'mod partikolari, ir-reqwiżit tal-privatezza mid-disinn u l-privatezza b'mod awtomatiku stabbilit fl-Artikolu 25 tar-Regolament 2016/679;

- li tiżdied referenza għall-utenti finali taħt l-Artikolu 5(f) tal-Proposta;
- li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tat-trasferibbiltà tad-*data* prevista fl-Artikolu 6(1)(h) tal-Proposta;
- li jiġi rriformulat l-Artikolu 6(1)(i) tal-Proposta biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-GDPR, billi titqies b'mod paritkolari d-definizzjoni ta' "*data personali*" taħt l-Artikolu 4(1) tal-GDPR;
- li tissaħħaħ ir-referenza fl-Artikolu 6(1)(j) tal-Proposta li tispeċifika fi premessa li l-gwardjan għandu jkun kapaċi juri li d-*data* dwar il-klassifikazzjoni, il-mistoqsijiet, il-klikks u l-viżjonijiet anonimizzati ġiet ittestjata għal kwalunkwe riskji ta' riidentifikazzjoni possibbli;
- li tiżdied referenza għall-utenti finali fl-Artikolu 10(2)(a) tal-Proposta;
- li jiġi rriformulat l-Artikolu 11(2) tal-Proposta billi tiġi sostitwita "jew" bi "u";
- li jiġi speċifikat li d-deskrizzjoni awditjata għandha tiġi kondiviża mill-Kummissjoni mal-EDPB jew mill-inqas l-awtorità superviżorji kompetenti taħt il-GDPR fuq it-talba tagħhom;
- li jiġi speċifikat taħt l-Artikolu 32(1) li l-Kumitat Konsultattiv għas-Swieq Diġitali għandu jikkonsisti mir-rappreżentanti tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, kif ukoll mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-kompetizzjoni, il-komunikazzjoni elettronika, is-servizzi awdjoviżivi, is-sorveljanza elettorali, u l-protezzjoni tal-konsumatur;
- tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' interoperabbiltà minimi għall-gwardjani u l-promozzjoni tal-iżvilupp ta' standards tekniċi fil-livell Ewropew, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea;
- li tiġi stabbilita kooperazzjoni istituzzjonalizzata u strutturata bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza kompetenti rilevanti, inklużi l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*. Din il-kooperazzjoni għandha tiżgura b'mod partikolari li l-informazzjoni rilevanti kollha tista' tiġi skambjata mal-awtoritajiet rilevanti sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rwol kumplimentari tagħhom, filwaqt li jaġixxu skont il-mandat istituzzjonali rispettiv tagħhom.

Brussell, 10 ta' Frar 2021.

Wojciech WIEWIÓROWSKI

^(f) COM(2020) 842 finali.

^(g) COM(2020) 67 final.

^(h) COM(2020) 842 final p. 1.

⁽ⁱ⁾ COM(2020) 842 final p. 2.